Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Il-Gimgha, 1 ta' April 2016.

Appell numru 18/2013AE

**Joseph Caruana Company Limited**

**Vs**

**Anthony Muscat**

Wara s-sentenza parzjali tas-27 ta' Novembru 2015, fis-seduta tal-lum instemghu l-provi relatati mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ta l-konvenut (Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili) li jipprovdi li huma preskritti bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:

*"l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut".*

Fis-seduta tal-lum xehed il-konvenut u Dr Michael Caruana ghas-socjeta attrici. Wara li l-qorti kellha l-opportunita li tisma' lill-konvenut, m'ghandha l-ebda dubju li ma qalx il-verita. Jirrizulta li:

i. Il-hlas li tippretendi l-attrici jirrizali ghall-bejgh ta' oggetti minn Marzu 2005 sa Frar 2008.
ii. Is-socjeta attrici perjodikament tibghat statements of account.

Il-qorti ma temminx lill-konvenut meta qal li:

i. Qatt ma rcieva *statements*, meta jirrizulta li x-xiri kien mifrux fuq medda ta' iktar minn tlett snin u *statements* kienu qeghdin jinhargu b'mod regolari u jintbaghtu fir-residenza tal-konvenut.
ii. Kull oggett li xtara kien qieghed ihallas ghalih fil-mument tal-akkwist. L-*istatement* juri mod iehor. Li kieku l-konvenut kien qieghed ihallas mal-bejgh, ma kienx ikun hemm skond ghall-attrici sabiex tiftah kont f'isem il-konvenut.
iii. Dr Michael Caruana jew ufficjali ohra tas-socjeta attrici qatt ma tkellmu mieghu dwar din il-kwistjoni u l-ewwel darba li sema' biha kien meta rcieva l-atti tal-kawza. Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex verosimili meta jirrizulta li s-socjeta attrici kellha kont miftuh f'isem il-konvenut dwar xiri ta' oggetti mill-hanut tas-socjeta attrici mill-10 ta' Marzu 2005, u li sal-5 ta' Mejju 2008 kien jidher li ghandu bilanc x'ihallas ta' €9,249.37.

Gialadarba l-verzjoni tal-konvenut ma titwemminx jibqa' biss il-verzjoni ta' Dr Michael Caruana li fost'affarijiet ohra kien car u xehed li sa xi sena u nofs jew sentejn qabel illum kien ghadu jkellem lill-konvenut li kien iwieghdu li ser ihallas. Fic-cirkostanzi bir-rikonoxximent tad-dejn min-naha tal-konvenut u ghalhekk tfalli l-eccezzjoni meqjus ukoll li l-kawza giet prezentata fil-25 ta' Novembru 2013.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti tad-29 ta' April 2015. Billi l-appellat kien bl-ghajnuna legali m'hemmx x'jinghad dwar l-ispejjez.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur